XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 443***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 71***
***Il-Ġimgħa 6, ta' Lulju 2012 fis-6:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:30pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Mr Joseph Vella – Viċi Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

*Dr Marthese Portelli -- Kunsillier*

*(Marthese Portelli waslet fis-7:30p.m.)*

---------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqgħalet it-Talba.*

**1. Fiori d'Argenta 2012**

Il-Kunsill qabel li din l-Attivita' kienet ta' suċċess kbir u li għandha terġa' ssir is-sena d-dieħla. Is-Sindku nfurmat ukoll lill-Kunsill li peress li s-Sindku tal-Mellieħa għoġbu jipprovdi il-bajtar ta' San Ġwann lill-Kunsill, saret torta ta' l-istess riċetta imma ta' qies iżgħar lis-Sindku tal-Mellieħa bħala ringrazzjament. Il-Kunsillier Hubert Saliba issuġerixxa li għandha ssir is-sena d-dieħla xarba tradizzjonali tal-bajtar tax-xewk.

**2. Impjieg ta' Carmelo Grima**

Il-Kunsill irċieva telefonata minn Adrian Mifsud, Human Resources Manager fid-dipartiment tal-Kunsill Lokali rigward l-impjieg part time ta' Karmenu Grima. Il-Kunsill iddeċieda li fuq d-direzzjoni tal-istess dipartiment l-impjieg ta' Karmenu Grima ser ikollu jiġi terminat. Peress li l-impjieg tiegħu ser jiġi terminat il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiġbor minnufih id-duties ta' Skrivana u ta' Assistant Prinċipal biex b'hekk ikun jista' jinqasam ix-xogħol aktar aħjar bejn

kulħadd. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgħa mall-ħaddiema u s-Segretarju Eżekuttiv fil-ġranet li ġejjin dwar dan.

3. **Impjieg ta' Joseph Borg**

Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsill li peress li l-kuntratt tax-xogħol ta' Joseph Borg kien wasal biex jagħlaq, kienet staqsiet lid-dipartiment x'ser isir minn din l-iskema. Hija tkelmet ma' Cynthia Misokova li għarfitha li l-iskema ghada għadejja u li l-Kunsill għadu jieħu deċiżjoni jekk iridx iġedded il-Kuntratt ta' Joseph Borg li qiegħed taħt l-iskema ta' persuni b'diżabilita'. Il-Kunsill sodisfatt bix-xogħol li qed jagħmel Joseph Borg u iddeċieda li għandu jerġa' jigi imġedded għal sena oħra.

4. **Skema ta' Training għall-istudenti mill-ETC**

Il-Kunsill irċieva talba mingħand tlett studenti rigward impjieg fis-sajf taħt l-iskema ta' l-ETC. Is-Segretarja nfurmat li l-Kunsill mhux ser iħallas xejn għall-impjieg tagħhom u barra li huma jkunu ta' għajnuna fix-xogħol tal-Kunsill tkun ukoll esperjenza tajba ħafna għalihom. L-istudenti li urew dan l-interess huma Denise Apap, Miriam Rapa u Sefora Theuma. Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsill li Sefora Theuma hija membru tal-familja tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li t-talba ta' dawn l-istudenti għandha tiġi aċċettata.

5. **Financial Statements**

Il-Kunsill irċieva e-mail mingħand id-dipartiment minħabba li l-Financial Statements ma daħlux fil-ħin u qed jitolbu spjegazzjoni ta' x'wassal biex iseħħ dan id-dewmien u b'hekk id-deadline ma ntlaħaqx. Il-Kunsill għamel laqgħa tal-Kunsill fit-30 ta' April biex japprova il-financial statements peress li l-Kunsill ried jilhaq id-deadline li kien it-2 ta' Mejju izda il-Kunsill sa din id-data ma kien għadu ircieva xejn mingħand l-awdituri maħtura mid-dipartiment. Il-kunsill ircieva l-financial statements fis-7 ta' Mejju fis-18:05 wara l-ħin li l-Kunsill ikun miftuh. Il-Kunsill għamel laqgħa urġenti fl-10 ta' Mejju biex japprova l-Financial statements u fil-11 ta' Mejju fil-għodu il-Kunsill issommetta l-Financial Statements. Is-Segretarja ser tibghat risposta b'din l-ispjegazzjoni lid-dipartiment peress li d-dewmien ma kienx minn naha tal-Kunsill izda minn naha ta' l-awdituri li ġew maħtura mid-dipartiment.

6. **L-Ufficcju tal-Kunsill**

Il-Kunsill reġa iddiskuta l-proġett biex jitkabbar l-uffiċċju tal-Kunsill. Peress li l-Perit Saliba ma' ghamilx ix-xoghol mitlub minnu ghat-tkabbir ta' l-ufficcju tal-Kunsill u peress li ghad ghandu xoghol iehor pendenti li ghadu ma ghamlux, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi avviċinat il-Perit Salvu Micallef biex jagħmel pjanta ta' kif jista' jitkabbar l-Kunsill b'aħjar mod possibli, nkluż li jiġi nstallat lift biex il-bini kollu tal-kunsill ikun aċċessibli għal kulħadd.

XEWKIJA

7. **Progett ta' Tisbih fil-HOS tal-Hamrija**

Il-Kunsill ra l-kejl li sar mill-Perit ghall-Progett ta' tisbieh fil-HOS tal-Hamrija. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir dan il-progett li jista' jigi kofinanzjat mill-UIF. Il-Perit ghandu jlesti t-tender biex isir ix-xoghol.

8. **Progett ta' Tisbih fl-area tal-Barmil**

Il-Kunsill qabel li ghandu jsir dan il-progett li jista' jigi kofinanzjat minn applikazzjoni ta' l-EU. Il-Perit ghandu jlesti t-tender biex isir ix-xoghol.

9. **Manutenzjoni ta' bankini**

Il-Kunsill għandu lista ta' nies li talbu biex issirilhom il-bankina peress li l-bankina preżenti li għandhom hija ta' periklu, miksura jew tiżloq. Dan ix-xogħol qabel kien isir mill-haddiema tal-Gvern. Il-kuntratt tal-Gvern skada u l-Gvern ma ġeddux. Il-Kunsill iddeċieda li għandha toħroġ tender biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol. Is-Segretarja ser tibda l-proċeduri kollha meħtieġa biex tinħareġ tender fil-ġranet li ġejjien.

Is-Sindku nfurmat ukoll lis-Segretarja biex tagħmel kuntatt mal-Kuntrattur ta' l-iskema tal-PPP biex jirranġa l-bankini kollha li nkissru waqt li kienu għadejjien bix-xogħol tat-tarmac fit-toroq li saru taħt din l-iskema.

10. **Restawr fil-Ġnien ta' Blankas**

Kien preżenti l-Perit Lino Bianco li hu l-Perit responsabbli fuq dan il-proġġett. Hu spjega lill-Kunsill fid-dettal ir-raġunijiet għaliex ix-xogħol ma ġiex ċertifikat minnu għat-tieni darba. Huwa nforma lill-kunsill li l-akbar problema kienet li x-xogħol li sar ma kienx skond l-arti u s-sengħa kif ukoll li hemm problema wkoll ta' "Health and Safety". Il-Kunsill iddeċieda li għandu joqgħod fuq il-parir tal-Perit. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra lill-Kuntrattur biex jieqaf minnufih u jintbgħatulu wkoll il-korrispondenza kollha li intbgħatu lill-Kunsill mill-Perit f'dan ir-rigward.

11. **Latrina ta' Ġnien il-Ħaddiem**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ġiet mgħarufa li l-caretaker preżenti tal-latrina fi Ġnien il-Ħaddiem ser joħroġ bil-pensjoni f'nofs ix-xahar ta' Awwissu. Is-Segretarja għamlet kuntatt mal-Ministeru għal Għawdex biex tara jekk hux ser jintbgħat xi ħadd ieħor minfloku. Is-Segretarja ġiet infurmata li l-Ministeru mhux ser ikompli jħaddem caretaker hu għal din il-lattrina. Għalhekk, il-Kunsill qabel li għandha toħroġ tender minnufih biex titqabbad persuna tieħu ħsieb it-tindif u l-manutenzjoni ta' din il-latrina.

XEWKIJA

## 12. Tender ta' Ġbir ta' Skart Goff

Il-Kunsill qabel li għandha toħroġ tender għall-ġbir ta' skart goff peress li fil-prezent dan qed jinġabar mill-ħaddiema tal-kunsill, filwaqt li l-kunsill iħallas il-kontijiet tal-fuel. Hekk dan is-servizz ikun regolat aħjar.

## 13. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 14. Ilmenti u Suġġerimenti

Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li fil-Kunsill hemm problema kbira tal-insetti. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tigi avviċinata' kumpanija tal-pest control biex tieħu ħsieb din il-problema.

Is-Sindku nfurmat lis-Segretarja li kellha limenti li fi Trejqet Keraba fi Pjazza Spagu kien hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix. Is-Segretarja għandha tinforma lill-Kuntrattur tal-knis.

Is-Sindku nfurmat lis-Segretarja li r-Roundabout li hemm fi Triq il-Mitħna għandha bżonn iż-żebgħa.

Is-Sindku infurmat lill-kunsill li l-website tal-Kunsill ma kienx qed jiġi updated kif suppost. Il-Kunsill għandu jagħżel persuna oħra biex tieħu ħsieb il-website tal-Kunsill.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li t-tapezzerija tas-siġġijiet tal-board room għandhom bżonn refurbishment. Il-Kunsill qabel u s-segretarja għandha tagħmel il-kuntatti neċċessarji biex issir dan ix-xoghol.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-messaġġ tal-Banda Prekursur fuq il-magazine tagħhom ta' qabel il-festa ma ħariġx kif suppost. Il-kunsill qabel li l-ħlas ma għandux isir kollu peress li l-messaġġ inħareġ nofsu biss. Il-Kunsill qabel ukoll li l-messaġġ għandu jinħareġ xorta kollu fil-bullettin fil-granet li ġejjin u jiġi spjegat ir-raġuni.

Il-Kunsill qed jirċievi ħafna ilment rigward ħmieg tal-klieb madwar ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu ordnati tabelli biex jitwaħħlu f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill irċieva ilmenti mingħand ir-residenti minħabba li m'humiex moqdijin bil-bus stops il-ġodda. Il-Kunsill għandu jiddiskuti l-possibilita' ta' kif tista' titranġa din ir-rotta.

Il-Kunsill irċieva ilmenti rigward il-vandaliżmu li qed issir fil-playing field tal-Barmil. Il-Kunsill għandu jkellem il-kuntrattur biex jara x'inhi l-possibilita' li l-bozoz ikunu aktar fl-għoli.

Il-Kunsillier Teddy Mizzi issuġerixxa li għandha ssir tabella no entry for heavy vehicles fi Triq St Andrew. Is-Segretarja ser tibgħat talba lil TM.

Is-Sindku ssugerit li ssir attivita' tal-familja ghall-Car Free Day. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem fil-Car Free Day u għandha tingħalaq il-pjazza u t-toroq tal-madwar. L-ghaqdiet kollha tar-rahal se jigu mistiedna jiehdu sehem b'xi attivita.

XEWKIJA

**15. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fl-10:10 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Dr Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |